MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 518/2013

**ab**

***vs***

**cb**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi fis-27 ta’ Dicembru 1992 hija izzewget lill-intimat u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal (Kopja tac-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok A);

Illi l-partijiet ilhom separati legalment mis-sena 1998 kif jirrizulta mill-anness kuntratt ta’ separazzjoni tas-16 ta’ Dicembru 1998 atti Nutar Joseph Debono (Dok B);

Illi l-manteniment a favur l-mara ma hemmx peress li l-partijiet ddekadew reciprokament mid-dritt taghhom ghal manteniment kif jirrizulta mill-anness kuntratt ta' separazzjoni (Dok B klawsola 5);

Illi l-mara tixtieq li tirriverti lura ghal kunjomha ta' xebba u cioe Mifsud u dan ai termini tal-Art 62 tal-Kap. 16;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Art 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u tnejn u disghin (1992);
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat in-nota guramentata tal-intimat illi permezz taghha iddikjara bil-gurament tieghu illi ma ghandu ebda oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti biex jigi dikjarat l-hall taz-zwieg u r-registrazzjoni tal-istess;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Ottubru, 2013;

Rat illi ir-rikorrenti talbet illi tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' Mifsud;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana

peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta’ Dicembru 1998 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat wkoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi qeghda tilqa’ it-talba tar-rikorrenti biex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe’ Mifsud, qeghda tilqa t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------